MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 964/2002

Kawza fil-lista: 26

**A sive A B, personalment u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri C B u D B, nominata b' digriet tas-19 ta' Settembru 2002**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici A sive A B u l-konvenut E B zzewgu fil-25 ta' Lulju 1982 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg Ass u mmarkat bhala Dok. AB1;

U peress illi miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieldu tlett (3) itfal, u cioe’ F ta’ dsatax-il (19) sena, C ta’ sbatax-il (17) sena u D ta’ tmien (8) snin;

U peress illi l-imsemmi E B sar hati kontra l-attrici martu ta’ sevizzi, minacci, u ingurji gravi, b’ mod li rrenda mpossibli l-hajja konjugali bejniethom;

U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi E B kkommetta fuq martu;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri C u D f’ idejn l-attrici;

3. TikkundA lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u/jew ghall-imsemmija uliedha minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u l-mezzi ta’ zewgha;

4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’ zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lil-konvenut, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. TikkundA lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi filwaqt li l-eccipjent jaqbel li hemm lok ghas-separazzjoni legali bejnu u bejn l-attrici, ma jaqbilx li tali separazzjoni tigi dikjarata minhabba l-addebiti li l-istess attrici qeghda tressaq kontrih. L-attrici martu tghix stil ta’ hajja li mhuwiex kompatibbli mal-hajja mizzewga, u wasslet biex iz-zwieg bejn il-partijiet jitfarrak irrimedjabilment.

2. Illi l-istil ta’ hajja ta’ l-attrici ma jirrendihiex persuna adatta biex ikollha f’ idejha l-kura u l-kustodja ta’ l-ulied C u D.

3. Illi l-attrici hija hatja ta’ adulterju u mhix intitolata ghall-manteniment minghand l-eccipjent ghaliha.

4. Illi fil-qsim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet hemm lok li jitqiesu l-htijiet ta’ l-attrici fil-kors tal-hajja mizzewga.

5. Illi ma hemmx lok li jigu applikati kontra l-eccipjent id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea, minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma zewgha l-konvenut ghar-

ragunijiet imputabbli li dan, bazati fuq id-dispost ta' l-Artikolu 40 tal-Kap.16. Minn naha tieghu l-konvenut jeccepixxi fil-konfront ta' l-attrici l-adulterju u stil ta hajja li mhijex kompatibbli mal-hajja mizzewwga, u li dan kien li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet.

Illi in propositu ghal dan l-aspett tal-kawza, il-Qorti tikkondividi u taddotta bis-shih il-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, kontenuti fil-paragrafi 65 sa 71 fil-pagni 32 sa 33 tar-relazzjoni u li jinsabu a fols.283 sa 285 tal-process, b' mod li ghandhom jitqiesu bhala parti integrali minn dan il-gudizzju [Appendici A].

Mill-provi jirrizulta car li, filwaqt li l-imputazzjoni attrici bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 40 fil-konfront tal-konvenut ma tirrizultax provata; minn banda l-ohra jirrizulta ampjament provat fil-konfront ta' l-attrici, l-offiza gravi fit-termini ta' l-artikolu 40 konsistenti fi hbieberiji, mhux kompatibbli mal-hajja mizzewwga, li hija kellha fiz-zwieg ma' certu rgiel, u l-adulterju derivanti mir-relazzjoni kostanti u li ghadha tissussisti ma' terza prersuna identifikata b' isimha. Il-Qorti taqbel mal-perit legali li huma dawn in-nuqqasijiet da parti ta' l-istess attrici li wasslu ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet.

**Kura u Kustodja**

Illi anke hawn il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali. Ir-relazzjoni adulteruza ta' l-attrici, li ghadha tippersisti sallum, ma tghamilx lill-istess attrici bhala kanditata xierqa u jdonea sabiex tkun fdata lilha esklussivament il-kura u kustodja tal-bint minuri tal-partijiet; u ghalhekk huwa xieraq li l-minuri D tkun fdata f' idejn missierha l-konvenut. Dan hu hekk fl-interess ta' l-istess minuri.

Ghalhekk il-Qorti tordna li, filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri D, li ghad ghandha 11 il-sena, tkun kongunta bejn il-partijiet, din tghix ma' missierha; b' access liberu ghall-attrici li m' ghandux ikun esercitat fil-prezenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux parentati ma' l-attrici. Illi dan access ghandu jigi esercitat bi ftehim mal-partijiet

inkluz il-minuri, izda fil-kaz li ma jkunx hemm qbil, l-access ta' l-attrici ghandu jkun kif indikat mill-perit legali fil-paragrafu 73 tar-relazzjoni a fol.286 tal-process.

**Manteniment**
Illi gjaladarba it-tkissir taz-zwieg huwa dovut unikament ghall-htija ta' l-attrici, kagun ta' l-offizi gravi kommessi minnha fil-konfront ta' zewgha kif fuq indikat kif ukoll tar-relazzjoni taghha adulteruza li bdiet xhur qabel il-prezentata tac-citazzjoni odjerna; tezisti fil-konfront ta' l-attrici r-raguni ghad-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48[1][d], anke b' referenza ghal-artikolu 51.

Illi rigward il-kontribut ta' l-attrici ghall-manteniment ta' bintha minuri, il-Qorti, filwaqt li taffirma li dan l-obbligu legali ta' l-attrici ghadu fis-sehh, mill-banda l-ohra, rebus sic stantibus, gjaladarba jirrizulta li l-attrici tghix bl-ghajnuna socjali u inoltre hija marida b' qalba, tenut kont anke, fic-cirkostanzi l-eta' taghha, hija m' ghandhiex tikkontribwixxi ebda ammont ghall-manteniment ta' bintha, sakemm ma tghamlix xoghol bi qligh, f' liema kaz hija ghandha tikkontribwixxi percentagg ta' ghoxrin fil-mija [20%] ta' l-introitu kollu taghha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi in propositu l-Qorti tikkondividi u taddotta l-konsiderazzjonijet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, u li jinsabu fil-paragrafi 77 sa 85 a fols. 288 sa 291 tal-process.

Illi ghalhekk l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti:

[1] Id-dar matrimonjali numru 401 Flat 1 Main Street, Mosta, stmata mill-partijiet fil-valur ta' bejn Lm26,700 u Lm32,000;

[2] Il-vettur Mini Minor LAM- 485 mixtrija erba snin ilu bil-prezz ta' Lm300, u l-vettura Maruti Omni EAC – 778 mixtrija seba snin ilu bil-prezz ta' Lm4,000;

[3] Kont numru 114988865 mal-Bank of Valleta li fih bilanc ta' Lm32.09; u dejn ma' l-istess Bank, li fit-30 ta' Novembru 2002 kien jammonta ghal-Lm358.85;

[4] L-oggetti mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali;

***Krediti Parafernali***

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici ghandha kreditu parafernali fl-ammont ta' Lm4,850 gejja minn wirt. In propositu, il-Qorti tikkondividi u taddotta dak li kkonkluda l-perit legali fil-paragrafu [80] [pagna 39 a fol.290].

Illi rigward l-partita [b] that l-intestatura "Krediti parafernali" [fol.289], il-Qorti tosserva li s-somma ta' Lm2,000 li nharget mill-attrici qabel iz-zwieg sabiex isir it-tieg u s-safra, ma jidholx fil-parametri ta' l-Artikolu 1331[2] tal-Kap.16, stante li ma tistax titqies bhala li intuzat in konnessjoni ma' "dejn jew investment tal-komunjoni ta' l-akkwisti." Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjujnta mill-perit legali f' dan ir-rigward.

***Assenjazzjoni***

Illi fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2004 il-partijiet qabblu li d-dar matrmonjali ghandha tinbigh, u r-rikavat jinaqasam bin-nofs bejn il-partijiet, wara li tigi prelevata mir-rikavat "is-somma ta' bejn Lm2,000 u Lm4,000" bhala kreditu parafernali favur l-attrici. [fol.227].

Illi l-Qorti tikkunsidra gusta s-segwenti assenjazzjoni:

[1] Illi d-dar matrimonjali, flimkien ma' l-oggett kollha mobbli kollha hemm ezistenti [hlief dawk parafernali ta' l-attrici], ghandhom jinbighu fuq is-suq hieles fi zmien sena, wara liema perijodu jsir il-bejgh bis-subbasta taghhom jekk il-partijiet ma jifthemux mod iehor; u ir-rikavat, <u>wara li titnaqqas minnu s-somma ta' hamest elef tlett mija u hamsin lira maltin [Lm5,350]</u> [ rapprezentanti s-somma ta Lm4,850 percepita mill-attrici minn wirt, oltre s-somma ta' Lm500 ekwiparazzjoni ghad-differenza fil-valur tal-vetturi], ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi sakemm isir il-bejgh tad-dar matrimonjali, il-konvenut jkollu d-dritt li jghix f' din id-dar flimkien mal-minuri D, ad eskluzjoni ta' l-attrici li fi zmien xahar li dan il-gudizzju jghaddi in gudikat sabiex tallontana ruhha mid-dar konjugali; u dan sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor.

[2] Illi l-flus depozitati fil-kontijiet bankarji, u d-dejn fuq indikat mal-Bank of Valletta, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**Oggetti Parafernali**
Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal paragrafi numri 86 u 87 tar-relazzjoni [fols.291 u 292] u taddottahom.

Jigi osservat li l-Qorti ma taqblix mal-kontenut tal-paragrafu 88 stante li ma rrizutlax li legalment l-konvenut ghandu xi htija ghas-separazzjoni.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi kif ser jinghad:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-konjgui stante li z-zwieg tkisser irremedjabbilment;

[2] tilqa' t-tieni talba limitatament fis-sens li tafda l-kura u kustodja tal-minuri D liz-zewg genituri konguntivament, bid-dritt ta' access ghall-attrici kif fuq delineat taht l-intestatura "Kura u Kustodja";

[3] tichad it-tielet talba, filwaqt li zzomm ferm l-obbligu ta' l-attrici li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri D kif delineat that l-intestatura "Manteniment";

[4] tilqa' r-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq delineat that l-intestatura "Komunjoni ta' l-Akkwisti"; u ghall-finijiet tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku tinnomina lin-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana sabiex tircevi l-att opportun fl-edifizju tal-Qorti, f' data u

hin, minnha fissati, u tinnomina lill-Avukatessa Charmaine Zammit sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci;

Illi sakemm isir il-bejgh tad-dar matrimonjali, il-konvenut jkollu d-dritt li jabita f' din id-dar flimkien mal-minuri D, ad eskluzjoni ta' l-attrici li, fi zmien xahar li dan il-gudizzju jghaddi in gudikat, ghandha tallontana ruhha mid-dar konjugali; u dan sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor.
[5] tilqa' l-hames talba u tordna lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-mobbli ndikati fil-paragrafu 86 [fol.291] tar-relazzjoni tal-perit legali

[6] tichad is-sitt talba;

L-ispejjez jigu sopportati kollha mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------